**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Gunju 2022

Rikors numru : 418/2015 AL

A B

Vs

C D u b'nota tat-8 ta' April 2016 l-Avukat Larry Formosa assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-inabilitata C D

(M.R. nru. 1797/91)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-esponenti kien mizzewweg lil C D fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru elf disgha mija wiehed u disghin (1991) (Dok. A);

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin fil-hdax (11) ta' Dicembru elfejn u sebgha (2007) (Dok. B) u minn dik il-gurnata il-partijiet qatt ma regghu irrikonciljaw.

Illi miz-zwieg hawn fuq imsemmi twieldet E B fit-tletin (30) ta' Novembru elf disgha mija wiehed u disghin (1991) u ghaldaqstant illum il-gurnata huma kollha maggorenni.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-partijiet iddekadew mill-manteniment.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta ta' C D li permezz taghha esponiet :

Illi sal-gurnata tallum l-attur A B naqas kompletament milli jaghti xi forma ta' manteniment hekk kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi dan ifisser illi r-rekwiziti tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx sodisfatti u b'hekk tali divorzju ma jisitax jigi pronunzjat sakemm dan il-manteniment ma jithallasx;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti umilment titlob lil dina l-Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tal-attur A B bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 2015;

Rat ir-risposta tal-intimata li kienet irrilevat li ma kienux gew sodisfatti illi r-rekwiziti tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex il-manteniment kien ghadu ma thallasx;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2022 li permezz tieghu l-avukati difensuri tal-partijiet informaw lill-qorti li permezz ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju 2021 fl-ismijiet Dr. Larry Formosa nomine vs A B, il-qorti ma kinietx laqghet it-talba ghar-rexissjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni waqt li laqghet talbiet ohrajn u minkejja li sar appell minn A B dan ma jolqotx il-mertu ta' kuntratt ta' separazzjoni u inoltre gie dikjarat ukoll li nonostante l-eccezzjoni ta' Dr. Larry Formosa fir-rigward ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment, illum -il gurnata kwalsiasi ammont dovut huwa preskritt u l-Qorti giiet awtorizzata tghaddi ghas-sentenza;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Dicembru 2007;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.